KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tlieta (3)***

***Il-Ħamis, 1 ta' Awwissu, 2024***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 3 fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fis-sitta ta' filgħaxija (6:00pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| Il-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6pm

**3.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

Ma tressqu ebda ittri tal-apoloġiji.

**3.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

3.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 2 li nżammet nhar l-Erbgħa 17 ta' Lulju 2024

3.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 2 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

3.2.3 Il-Kunsillier Steven Axisa ressaq korrezzjoni għal materja numru 2.7.3 sabiex minflok 'ma jaqbilx li jsir monument iddedikat lill-familja' tiġi 'ma jaqbilx li jsiru monumenti li mhux relatati mar-raħal'. Din il-korrezzjoni ġiet approvata unanimament.

3.2.4 **Mozzjoni Numru 3-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 2 kif ukoll il-korrezzjoni mressqa f'materja numru 3.2.3

Proponent: Il-Kunsilliera Christine Dalli

Sekondant: Il-Vici Sindku Brian Xuereb

Il-Minuti Numru 2 ġew approvati unanimament.

**3.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

3.3.1 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar talba sabiex titpoġġa magna tal-BCRS fil-lokal tagħna. Huwa kkonferma li għaddejjin id-diskussjonijiet sabiex ningħataw din il-magna. Saret diskussjoni żgħira dwar fejn tista' titpoġġa, fejn ġew diskussi Triq iċ-Ċimiterju, Triq il-Barbazzal u Triq il-Belt Valletta. Il-Kunsill qabel li l-aħjar post fejn tista' tkun ta' l-inqas inkonvenjenza hija fi Triq iċ-Ċimiterju.

3.3.2 Is-Sindku Karl Boxall qal li hemm one car garage għal kiri bil-prezz ta' €1440 fis-sena. Il-Kunsill qabel li jistenna l-konferma tal-garaxx l-ieħor li huwa ikbar qabel jiddeċiedi liema se jikri iżda jaqbel fil-prinċipju li jikri garaxx ieħor biex ikollna fejn nerfgħu l-affarijiet.

3.3.3 Is-Sindku Karl Boxall qal li l-Kunsill ingħata 10 bins mingħand id-Direttorat tal-Cleansing biex jitpoġġew madwar ir-raħal. Il-Kunsill qabel li jitpoġġa wieħed fil-Pjazza u jinbidlu dawk li hemm Bir id-Deheb.

3.3.4 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar il-Laqgħa li kellna mal-Perit fejn iddiskuta l-pagamenti li kien għad hemm pendenti mill-Legislatura li għaddiet. Sabiex ma jerġax ikun hemm sitwazzjonijiet bħal dawn, il-Perit ġie mitlub biex joħroġ stima tax-xogħlijiet li jkun

hemm involuti qabel jinbeda x-xogħol. Fir-rigward ta' dawn il-ħlasijiet, il-Kunsill qabel li jitħallsu biex inkunu nistgħu inkomplu bi proġetti oħrajn. Il-Kunsill qabel ukoll li jibda jitkellem mal-Perit dwar pjan għal Traffic Management fil-lokal, biex nippruvaw insibu soluzzjoni għas-sewqan eċċessiv fis-service road.

3.3.5 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar is-sitwazzjoni fi Triq Santa Tereża fejn qal li t-triq ma tippermettix li jgħaddu żewġ karozzi u dejjem tinħoloq konġestjoni. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li t-triq tiġi *one-way*.

**3.4 Korrispondenza**

3.4.1 Tressqet kwotazzjoni ġdida mingħand iSpy Projects dwar is-CCTV cameras għal Triq Tumbarellu u Dawret Ħal Għaxaq fejn il-Principessa. L-ispiża hija ta' €1473.82 rispettivament. Il-Kunsill approva li jsiru u jinbeda l-proċess biex jiġu nstallati.

3.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li sa issa bħala *Petty Cash* il-Kunsill dejjem żamm ma €120 fix-xahar. Minħabba li l-ispejjeż żdiedu, l-aħjar li bħala petty cash jibda jinġieb sal-massimu li tippermetti l-liġi, jiġifieri €232.94. Għaldaqstant il-Kunsill approva li mill-1 ta' Lulju 2024 bħala Petty Cash jibda jammonta għal €232.94

3.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li ġie ffirmat l-*Agreement* tal-iSkema 'Ġonna fl-Urban' fejn ingħatajna sa massimu ta' 50 siġar taċ-ċitru jew taż-żebbuġ biex jinxtraw fi żmien sena. Ġie ssuġerit li jibdew jinxtraw 10 siġriet biex jitpoġġew f'pots kbar fi Triq Santa Marija, l-Pjazza u l-madwar. Brian issugerixxa li fil-pjazzetta fi Triq Santa Marija isiru pjanti fin-nofs. Il-Kunsill approva li jinxtraw is-siġar kif ukoll il-pots.

3.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li PA/04489/24 li ġiet diskussa fil-laqgħa li għaddiet, id-data għas-sottomissjonijiet tal-oġġezzjonijiet hija sas-26 t'Awwissu 2024. Il-Kunsill qabel li jara fuq liema fatturi jista' joġġezzjona speċjalment minħabba l-belvedere u jibgħat l-oġġezzjoni.

3.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet dwar il-Bord tal-Għażla għal skrivan fuq bażi full time jekk hux se jibqa kif kien s'issa. Il-Kunsill qabel li ġaladarba inbidel il-Kunsill, il-Bord għandu jinbidel u jkun compost mis-Sindku Karl Boxall, il-Viċi Sindku Brian Xuereb, il-Minority Leader Stephen Attard u s-Segretarja tal-Bord is-Segretarju Eżekuttiv Fiona Cutajar. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

**3.5 Informazzjoni dwar proġetti**

3.5.1 Din il-materja tressqet fuq l-Agenda tal-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun jaf x'hemm proġetti pjanati bħalissa u biex il-Kunsill ikun infurmat sabiex ikun jista' jippjana l-Business Plan għal 5 snin li ġejjin.

3.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill dwar il-proġetti li huma mibdija u li se jkunu qed jiġu implimentati fix-xhur li ġejjin:
i) Il-Proġett tat-Turretta li jammonta għal madwar €95,000 li parti minnu se jiġi ffinanzjat mill-fond tal-Proġetti Kapitali

ii) Il-Proġett tal-bdil tat-turf tal-ground tal-5-a-side f'Dawret Ħal Għaxaq li se jammonta għal €35,000 li se jkun ffinanzjat kollu mill-fondi tal-Kunsill
iii) Il-Proġett tal-Uffiċċini tal-Kunsill li se jammonta għal madwar €60,000 biex l-uffiċċini jkunu jistgħu jiffunzjonaw aħjar.
iv) Se jkun qed jibda ukoll il-Contracts Manager li se jammonta għal madwar €17,000 fis-sena, kif ukoll se jiżdied skrivan ġdid wara li jiġi ngaġġat fix-xhur li ġejjin fuq skala 15.

3.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li l-Kunsill preċedenti kien ħadem fuq il-proġett ta' Santu Rokku li fuqu hemm applikazzjoni miftuħa mad-Development Planning Fund tal-PA biex dan il-proġett jiġi ffinanzjat kollu minn dan il-fond. Dan il-proġett jammonta għal €573470.78 mingħajr VAT. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-pjanta ta' dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li qabel nipproċedu b'dan il-proġett għandhom isiru xi emendi fil-pjanti fosthom li jsiru parkeġġi madwar id-dawra kollha ta' Santu Rokku kif ukoll nikkunsidraw li nallokaw spazju għal ATM. Wara li tiġi emendata il-pjanta, din għandha terġa' tiġi ppreżentata fil-Laqgħa tal-Kunsill.

3.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li l-Kunsill għandu stimi ta' erba' sqaqin biex jiġu pavimentati li b'kollox jammontaw għal €148,680 Dawn jistgħu isiru mill-kumplament tal-Fond tad-Development Planning Fund.

3.5.5 Il-Kunsill preċedenti kellu ukoll fondi mill-LESA għal tliet sqaqin li b'kollox jammontaw għal €71337 (Fondi mill-LESA €57070). Dwar dan għandna nikkonfermaw jekk dan il-fond għadux japplika.

3.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat ukoll li fil-jiem li ġejjin jista' ukoll jiġi ffirmat l-*agreement* mal-Project Green dwar il-Proġett tal-*Picnic Area* fiż-żona taż-Żebbuġ. Dan il-proġett se jammonta għal €1,700,000 mingħajr Vat u se jiġi ffinanzjat kollu minn Project Green. Is-Sindku Karl Boxall qal li qabel jiġi ffirmat l-*agreement* se nkunu qed nagħmlu laqgħa ma Project Green u jekk ikun jista' ukoll anki l-Perit mqabbad mill-Kunsill biex niddiskutu l-aħħar żviluppi fuq dan il-proġett.

3.5.7 Is-Sindku Karl Boxall qal li l-proġett tal-Pjazza għandu jkun ukoll fuq l-Agenda tal-Proġetti għal 5 snin li ġejjin. S'issa l-Kunsill għandu xi disinji preparati iżda għad m'hemmx stimi u lanqas fondi għal dan il-proġett.

3.5.8 Is-Sindku Karl Boxall qal ukoll li hemm id-disinn ta' Triq iċ-Ċimiterju lest ukoll biex meta jkollna xi fondi nkunu nistgħu napplikaw għalih.

3.5.9 Is-Sindku Karl Boxall qal li f'dawn il-5 snin il-Kunsill se jkun qed jinvesti ukoll f'dawl adegwat fit-toroq għal Milied. Bħala budget se jkun qed jinżamm ma €15,000 biex tintrama Triq Santa Marija, Vjal il-Labour u Triq G.M.Farrugia.

3.5.10 Wara din id-diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament mal-proposti kollha imsemmija u l-programm ta' ħidma li se jiġi ppreżentat f'iktar dettal fil-laqgħa tal-Lokalita' li tista' ssir bejn Settembru u Ottubru 2024.

## 3.6 Charging Pillars

3.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku ressqu din il-materja fuq l-Agenda biex jiġu deċiżi is-siti fejn jistgħu jitpoġġew charging pillars għall-użu tar-residenti.

3.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm 3 siti li kienu approvati u se jinbeda l-proċess biex jiġu installati u dawn huma:
-Triq il-Barbazzal
-Triq id-Dejl
-Triq il-Bwar

3.6.3 Tressqu ukoll proposti oħra f'siti imniżżla hawn taħt:
- Triq San Gorg - approvata
- Triq Tumbarellu – mhux approvata minħabba problema ta' parkeġġ
- Triq iz-Zejtun – mhux approvata minħabba problema ta' parkeġġ
- Triq G.M.Farrugia – mhux approvata minħabba problema ta' parkeġġ
- Triq l-Iklin – mhux approvata minħabba problema ta' parkeġġ
- Triq il-Fejgel – approvata
- Triq Tgezwira – approvata

## 3.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

3.7.1 Il-Kunsillier Stephen Attard staqsa meta se jkunu qed jingħalqu l-isqaqin ta' wara l-Knisja. Is- Sindku Karl Boxall qal li se nibdew fil-festa għax dawn it-toroq se jkunu qed jingħalqilhom l-aċċess.

3.7.2 Il-Kunsillier Stephen Attard ppropona li nagħmlu bnadar fil-Pjazza u 'Ħal Għaxaq' tal-ġebel bid-dawl magħha. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li tinġieb stima biex issir.

3.7.3 Il-Vici Sindku Brian Xuereb staqsa dwar ir-road hump fi Triq San Gorg. Huwa qal li se jkun qiegħed imur mal-Kunsillier Stephen Attard biex flimkien jaraw fejn l-aħjar li ssir.

3.7.4 Il-Vici Sindku Brian Xuereb ppropona li jsiru barriers fi Triq il-Belt Valletta kantuniera ma Triq Dun Guzepp Demicoli minħabba li ssir ħafna ħsara lill-faċċata ta' dawn ir-residenti minn diversi trakkijiet apparti li tista' tkun perikoluża ħafna. Il-Kunsill qabel li jsiru.

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa l—Kunsilliera Naomi Mizzi talbet li tkun skużata (8:30pm)*

3.7.5 Il-Kunsillier Jesmond Manicolo staqsa dwar il-bozoz li mhux jixgħelu wara l-Knisja. Is-Sindku Karl Boxall informa li ġew irrapurtati.

3.7.6 Il-Kunsilliera Christine Dalli pproponiet li jittella' ċ-ċint ta' Triq il-Belt Valletta kantuniera ma Triq il-Ġistakor biex ma jkomplux jarmu. Il-Kunsill qabel li jekk ikollu ftit ġebel, jgħolli ċ-ċint b'filata jew tnejn.

3.7.7 Il-Kunsilliera Christine Dalli fakkret biex titwaħħal il-mera faċċata ta' Triq it-Tgezwira.

3.7.9 Is-Sindku Karl Boxall fakkar lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 5 ta' Settembru se jkun qed jiġi jżurna l-Onorevoli Glenn Bedingfield u miegħu se nkunu qegħdin inżuru żewġ postijiet li huma problematiċi għar-rimi ta' skart abbużiv.

3.7.11 Il-Vici Sindku Brian Xuereb staqsa dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-bini tal-Kamra tan-Nar ta' Ħal Tarxien. Il-Kunsill qal li se jkompli miexi fuq l-istess passi tal-Kunsill preċedenti.

**3.8 <u>Mozzjonijiet</u>**

2.8.1 Annessi mal-Minuti

**2.9 <u>Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

3.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 5 ta' Settembru 2024 fil-5pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Karl Boxall |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 3**

**Mozzjoni Ref:** 3-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 2

| | |
|---|---|
| **Christine Dalli**<br>**Proponent** | **Brian Xuereb**<br>**Sekondant** |

**Data:** 1 t'Awwissu 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**